MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 418/2014

**Gustav Baldacchino**

**vs**

**Gordon Agius u Robert Agius**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Gustav Baldacchino li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Hu biegh lill-konvenuti ammont ta’ spare parts tal-karozzi bi prezz maqbul – Dok. X huwa il-kuntratt li permezz tieghu sar dan il-bejgh – datat 24 ta’ Awwissu 2010.

Il-partijiet qablu li l-konvenuti kellhom ihallsu il-prezz dovut ratejalment tant li fl-istess jum li sar il-kuntratt tal-bejgh saru kambjali li illum kollha mmataraw ghall-hlas.

Il-konvenuti wara li bdew ihallsu, bdew jaqghu lura fil-hlas.

L-attur baghat ittra ufficjali sabiex l-intimati ihallsu l-ammonti li kienu immaturaw ghall-hlas. L-ittra ufficjali saret fil-21 ta’ Lulju 2011 (Dok. 1). Oltre din l-ittra kien hemm interpellazzjonijiet ohra.

L-intimati ahwa Agius tul dawn is-sentejn wara l-ewwel ittra ufficjali u anke minn qabel, kienu ilhom jaghmlu weghda fuq weghda li ser ihallsu, però huma qatt ma waslu. L-esponent tilef il-fiducja fl-ahwa Agius li sadattant zammew ghandhom il-merkanzija li dwarha inhargu il-kambjali. L-attur ipprova jottjeni titolu ezekuttiv bazat fuq il-kambjali li kienu immaturaw – però issa l-konvenuti bdew jallegaw li oltre il-merkanzija l-attur kien wieghed li l-konvenuti kien ser ikollhom agenzija esklussiva ta’ agent partikolari tal-parts. In vista ta’ din l-allegazzjoni il-Qorti laqghet talba tal-ahwa Agius sabiex jigi sospiz l-effett ta’ uhud mill-kambjali biex dwar dawn il-kambjali partikolari ikunu jistghu jigu ventilati il-lanjanzi tal-konvenuti rigward is-sura ta’ ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet.

Fil-fatt l-intimati Agius waqqfu l-esekuzzjoni tal-hlas ta' certi kambjali billi ghamlu rikors li gie milqugh fil-21 ta' Jannar 2014.

L-allegazzjonijiet tal-konvenuti li l-attur kien wieghed li huma kienu ser jibbenefikaw minn esklussività ta' agenzija minn naha ta' ditta estera dwar certi prodotti, huma infondati kif ser jirrizulta.

L-ammont li l-konvenuti huma dovuta ihallsu lill-attur hu segwenti.

Cioè dak li jirrizulta mill-ittra ufficjali 2470/11 PA prezentata fil-21 ta' Lulju 2011 (Dok. 1):

s-somma ta' hmistax-il elf, erba' mija, tnejn u disghin Ewro (€15,492) rappresentanti l-import komplessiv ta' sbatax (17) il-kambjala b'valur ossija import in kwantu ghal tmienja (8) minnhom ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) il-wahda u in kwantu ghal disgha (9) l-ohra ta' tlett mija u tmienja u tmenin Ewro (€388) kull wahda accettati mill-konvenuti fl-24 ta' Awwissu 2010 in konnessjoni mal-bejgh ta' stock ta' roti u accessorji ghall-karozzi minghand l-atturi u li mmaturaw u progressivament saru dovuti wiehed (1) ta' €1,500 (Dok. A) fl-1 ta' Novembru 2010, wiehed (1) ta' €1,500 (Dok. B) u wiehed (1) ta' €388 (Dok. C) fl-1 ta' Dicembru 2010, wiehed (1) ta' €1,500 (Dok. D) u tnejn (2) ta' €388 (Dok. E u F) fl-1 ta' Jannar 2011, wiehed (1) ta' €1500 (Dok. G) u tnejn (2) ta' €388 (Dok. H u I) fl-1 ta' Frar 2011, wiehed (1) ta' €1500 (Dok. J) u wiehed (1) ta' €388 (Dok. K) fl-1 ta' Marzu 2011, wiehed (1) ta' €1500 (Dok. L) u wiehed (1) ta' €388 (Dok. M)

fl-1 ta' April 2011, wiehed (1) ta' €1500 (Dok. N) u wiehed (1) ta' €388 (Dok. O) fl-1 ta' Mejju 2011 u wiehed (1) ta' €1500 (Dok. P) u wiehed (1) ta' €388 (Dok. Q) fl-1 ta' Gunju 2011 rispettivament (kopji tal-kambjali huma annessi).

L-ammont shih dovut ghalhekk hu ta' **Euro 15,492**. Flimkien mal-interessi tat-tmienja fil-mija fis-sena mid-data li sar dovut kull pagament sad-data tal-hlas effettiv.

Diversi kambjali ohra li immaturaw u li dwarhom intbaghtet ittra ufficjali datata 12 ta' Dicembru 2012 ma gewx kontestati skond il-ligi u ghalhekk dak l-ammont ta' Euro 5604 sar dovut bhala titolu ezekuttiv skont dan it-tieni grupp ta' kambjali. Lanqas dan l-ammont ma ghadu thallas.

Il-konvenuti baqghu inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet ghal hlas u minkejja d-diversi weghdi li huma kienu ghamlu li ser ihallsu.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri in solidum tal-attur fis-somma ta' hmistax-il elf, erba' mija tnejn u disghin Ewro (Ewro15,492) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut wara bejgh ta' roti u accessorji ta' karozzi.

2. Previa kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lill-attur l-ammont ta' hmistax-il elf, erba' mija, tnejn u disghin Ewro (Ewro15,492)

Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali datat 21 ta' Lulju 2011 kif ukoll tal-mandati ta' inibizzjoni u sekwestru prezentati kontestwalment.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, iz-zewg intimati Gordon Agius u Robert Agius ghazlu li ma jwiegbux ghall-kawza, lanqas ma pprezentaw sottomissjonijiet bil-miktub ghalkemm moghtija din il-fakoltà fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2015.

Semghet xhud viva voce.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi doveruz jigi enfasizzat li l-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati dejjem ghallmet illi l-kontumacja ma titqies qatt bhala ammissjoni tat-talbiet izda jibqa' dejjem jinkombi fuq l-attur li jipprova t-talbiet tieghu. Fil-kaz in ezami dan l-oneru gie sodisfatt sal-grad rikjest mill-ligi kemm permezz tad-dokumenti esibiti kif ukoll permezz ta' xhieda viva voce.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li Gordon Agius u Robert Agius huma in solidum responsabbli ghad-dejn ta' €15,492 (hmistax-il elf, erba mija u tnejn u disghin Ewro) lejn Gustav Baldacchino; tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Gordon Agius u Robert Agius in solidum

ihallsu lil Gustav Baldacchino is-somma ta’ €15,492 (hmistax-il elf, erba mija u tnejn u disghin Ewro), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Gordon Agius u Robert Agius.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------